**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 201/2016 CFF**

**PATER FINANCE CO. LTD**

**VS**

**SAVIOUR BONELLO**

**Illum 27 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** guramentat tas-socjeta' Pater Finance Co. Ltd; fejn Marcel Avellino bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi s-socjeta' esponenti kienet ipprezentat ittra ufficjali bil-kambjali taht l-artikolu 253 tal-Kap. 12, fl-ismijiet premessi fl-20 ta' Settembru, 2005, liema ittra giet notifikata lill-intimat fid-29 ta' Settembru, 2005;

Illi sal-lum l-intimat ghadu debitur tal-esponenti stante li l-ammont dovut hekk indikat fl-ittra hawn imsemmija ghadu ma thallasx kollu mill-intimat;

Illi s-socjeta' esponenti ghadha dovuta mill-intimat l-ammont ta' **hamest elef sebgha u tmenin Ewro u hamsa u tlettin centezmu (€5,087.35)** u dan oltre l-ispejjez u

imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv li huma wkoll dovuti mill-intimat lis-socjeta' esponenti;

Illi peress li ghaddew aktar minn hames snin mill-gurnata li fiha s-socjeta' esponenti kienet f'pozizzjoni li tezegwxxi din l-ittra ufficjali, u kif ukoll stante li l-ammont dovut ghadu ma thallasx kollu, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez, is-socjeta' esponenti qieghda tintavola dan l-umli rikors ai termini ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga' jigi rez ezekuttiv u dan sabiex is-socjeta' esponenti tkun f'pozizzjoni li tezegwixxi l-istess titolu bil-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimat u kull att iehor relevanti, stante l-ammont dovut ghadu ma giex imhallas kollu, oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, u dan skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat **ir-risposta** ta' Saviour Bonello fejn eccepixxa:

1. Qabel xejn, is-socjeta' rikorrenti ghandha ggib prova ezawrjenti tal-ammont dovut sallum f'termini ta' kapital, imghaxijiet u spejjez.

2. Inoltre, is-socjeta' rikorrenti ghandha ggib prova wkoll tal-ammont li bih inbieghet il-vettura tat-tip Hyundai Atos bin-numru ta' registrazzjoni LCC 454 meta l-istess socjeta' rikorrenti kienet talbet u ottjeniet mandat ta' qbid u konsegwentement sar il-bejgh fl-irkant tal-istess vettura. Is-socjeta' rikorrenti ghandha tindika u tikkonferma wkoll jekk dan l-ammont giex imnaqqas mill-kreditu li qed tippretendi.

3. F'kull kaz ukoll, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Permezz ta' nota ta' Saviour Bonello datata 31 t'Ottubru, 2017 a fol 51 tal-process, giet mizjuda eccezzjoni:

4. Illi l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici gie definittivament estint bl-iskadenza tat-terminu perentorju ta' hames snin skond l-artikoli 541 u 542 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lill-eccipjenti.

Marcel Avellino, fl-affidavit tieghu jghid illi ilu mit-23 ta' Gunju, 1990 sal-31 t'Awwissu, 2016 jagixxi bhaal Credit Controller tas-socjeta' attrici. Wara hafna komunikazzjonijiet u laqghat ma Saviour Bonello stante li dan naqas ihallas il-kambjali dovuti, il-kumpanija attrici kellha tiehu proceduri legali. Fit-18 t'Ottubru, 2002 Saviour Bonello gie kkundannat b'sentenza sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,825. Saviour Bonello la qatt appella minn din is-sentenza u wisq iktar mill-ittra ufficjali li giet prezentata fl-20 ta' Settembru, 2005. Saviour Bonello rega' beda jhallas xi pagamenti izda wara li rega' naqas milli jhallas, kien sar Mandat ta' Qbid fl-2003 ghal vettura Hyundai Atos liema vettura nstabet fis-sena 2005. Is-socjeta' attrici ofriet li tiehu l-vettura animo compensandi u eventwalment hadet din il-vettura ghall-ammont ta' Lm1,000 meta nbieghet b'subbasta.

Franco Gove' li huwa accountant tas-socjeta' attrici jghid li wara li Marcel Avellino ma baqax jagixxi bhala Credit Controller, kien beda jaghmel ix-xoghol tieghu hu. L-ammont dovut huwa ta' EUR 674.29 liema ammont jinkludi mghaxijiet u spejjez.

Ikkunsidrat:

Illi Saviour Bonello qed jghid li minn fuq il-kambjali in kwistjoni ghadda l-perjodu ta' dekadenza ai termini ta' l-Artikolu 541 u 542 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn l-artikoli jghidu s-segwenti,
541.
*Iż-żminijiet kollha stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali, huma perentorji; u l-benefiċċju tar-restitutio in integrum bis-saħħa ta' titolu, motiv jew privileġġ li jkun, ma jgħoddx.*

542.
*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li jagħlqu, u l-azzjonijiet li ġejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin mid-data tagħhom.*

Il-Qorti hawnhekk ghandha quddiemha talba ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara li ntbaghatet ittra ai termini ta' l-Artikolu 253(e) li rrendiet kambjali li jkopru minn Lulju tal-2002 sa Dicembru ta' l-2004 bhala ezekuttivi.

L-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti,

258. Wara-

*(c) -għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

Il-Qorti m'ghandiex ghalfejn toqghod telabora fit-tul fuq dan il-punt. Waqt li l-Artikolu 542 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem biss fuq kambjali li ghadhom ma sarux ezekuttivi, l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem b'mod specifiku dwar l-Artikolu 253(e) u cioe' dwar kambjali li saru ezekuttivi ai termini ta' dak l-artikolu.

L-ittra ai termini ta' l-Artikolu 253(e) giet intavolata fl-20 ta' Settembru 2005 u giet notifikata lill-intimat fid-29 ta' Settembru 2005, ghalhekk ladarba is-socjeta' rikorrenti m'attwatx it-titolu ezekuttiv li ghandha fil-konfront ta' l-intimat fiz-zmien moghti lilha

bilfors hija kellha tipprocedi bil-procedura odjerna. Certament li ladarba hemm titolu ezekuttiv ma tapplika l-ebda preskrizzjoni jew dekadenza fuqu ladarba dan jista' jerga' jigi moghti l-ezekuttivita' ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tad-dekadenza moghtija mill-intimat permezz tar-risposta ulterjuri tieghu[1], u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez jigu decizi mas-sentenza finali.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**

[1] A fol 51 tal-process